**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

<u>It-Tlieta 09 ta' Jannar2018</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudippresedjatil-laqgħa.

## 69.1 Introduzzjoni

69.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.00 hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.
69.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 68ta' 5 ta' Diċembru 2017.
69.1.3 Korrezzjonijiet ma kienx hemm.Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerrisekondat mis-Sur Salvu Farrugiaminuti nr 68 bid-data ta'5ta' Diċembru 2017 ġew approvati unanimament.

## 69.2 Punti mqajma mill-minuti

69.2.1 Punti mqajjma mill-minuti ma kienx hemm.

## 69.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST

69.3.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq l-area taċ-ċnus fejn qed tgħid li qed ikun hemm ħafna żgżażagż suspettużi.
69.3.2 Ġie deċiż li għandna nitkellmu mal-Pulizija ta' B'kara biex jagħmlu *spot checks* regolarment fuq din l-area.
69.3.3 Is-Sinjura Magda Magri Naudi,tkellmet fuq l-inċident ta' vandaliżmu li kien sar fil-latrini.
69.3.4 Hija qalet li kienet iltaqgħet mal-persuna li għamlet il-ħsara fil-latrina fl-għassa tal-Pulizija ta' B'Kara. Huwa student ta' l-MCAST u ħa pjaċir meta s-Sindku ikkonfermat li mhux ser jittieħdu passi oltre fil-konfront tiegħu ta' x'kien ġara.
69.3.5 Fl-għassa din il-persuna ħallset €200 mill-kwotazzjoni u wara din il-persuna ħallset il-kumplament ta' €34.69 l-uffiċċju u ngħatatlu irċevuta.
69.3.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq l-email li bagħtet is-Segretarju tar-Regjun fir-rigward ta' ħlas ta' trasport lill-ħaddiema ta' RSSL fejn huma qed jitolbu flat rate ta' €20.00 kull ġimgħa biex jużaw il-van personali tagħhom fil-perjodu meta dawn ikunu qed jaħdmu fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.
69.3.7 Is-Segretarju kkonfermat li dawn il-ħaddiema ġejjin bejn il-5 ta' Frar u 2 ta' Marzu 2018.
69.3.8 Il-Kunsill u s-Segretarju ma jaqblux ma' dan l-arranġament għal fatt li dan huwa ksur tal-liġi peress li ħlas fuq transport irid jitħallas skond kemm isiru kilometri kull kif filfatt dejjem tħallas il-ħaddiem eżistenti tal-Kunsill.
69.3.9 Is-Segretarju tar-Reġjun qed tisuġġerixxi li issir laqgħa mal-Kunsill u l-ħaddiema ta' RSSL biex jintlaħaq ftehim.
69.3.10Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa għandha ssir.
69.3.11 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-van għadu għand il-mechanic għax s'issa għadhom ma nstabux *parts* għalih.
69.3.12Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq ħajt ta' għalqa fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela kif taqbeż lil tal-ħalib li waqgħa.
69.3.13 La dan il-ħajt qiegħed taħt it-triq, dan huwa taħtir-responsabbilita' tal-Kunsill biex jerġa' jitella għalhekk il-Kunsill iddeċieda li għandna ngħidu lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu dawn ix-xogħolijiet.

69.3.14Is-Segretarju tkellmet fuq id-deċiżjoni li l-Kunsill kien ħa li għandna mmorru *through the normal channels* biex jiġi *replaced* il-ħaddiem ta' IPSL, is-Sur Michael Bedingfield.

69.3.15 Hija qalet li f'Lulju 2017 hija tkellmet mas-Sur Savona Ventura ta' l-IPSL fejn talbitu biex is-Sur Bedingfield jiġi*replaced* b'ħaddiem ieħor.

69.3.16 Din ir-request intbagħet b-email ukoll u reġgħet intbagħtet reminder ftit ilu pero l-anqas acknowledgement qatt ma irċevejna.

69.3.17 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi u l-Kunsill iddeċieda li ma rċevejna xejn mingħand l-IPSL għandna nitolbu l-għajnuna tas-Sur Mario Fava, President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

69.3.18 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq il-proġett ta' l-Erasmus.

69.3.19 Hija qalet li l-applikazzjoni ġiet sottomessa f'Novembru 2017 u xi ġimgħa u nofs qabel il-Milied irċevejna li l-applikazzjoni tagħna kienet fuq waiting listperess li kien hemm proġetti oħra aħjar.

69.3.20 Hija qalet li wara li l-Kunsill irċieva din l-informazzjoni hija waqfet taħdem biex issir *callout* u naraw min irid japplika.

69.3.21 Hija kompliet tgħid lill-Kunsill li propju nhar il-Ġimgħa 5 ta' Jannar irċevjna e-mail fejn ġejna nfurmati li ġejna aċċettati u ser ningħataw fondi għal dan il-proġett.

69.3.22 Peress li issa m'hemmx biżżejjed żmien biex jiġi organizzat dan il-proġett ġie deċiż li nwaqqgħu dinl-applikazzjoni u nerġgħu napplikaw mill-ġdid f'April 2018 biex il-proġett jinħadem bejn Ottubru 2018 u Marzu 2019.

69.3.23Ġie deċiż li peress li għandna ninfurmaw lill-EUPA sal-15 ta' Jannar 2018, li fiċ-ċirkostanzi li l-ewwel konna fuq waiting list u wara ġejna aċċettati għal dan il-proġett, il-ħin huwa ristrett ħafna biex jinstabu n-nies u ssir il-preparazjoni biex jitwettaq dan il-proġett.

69.3.24 Is-Segretarju nfurmat li s-Sinjorina Pamela Borg qed tieħu ħsieb li jitwettaqu l-affarijiet li iridu isiru fir-*Risk Assessment Report*, qed tressaq quddiem il-Kunsill l-affarijiet importanti oħra li iridu jitwettqu.

69.3.25 Dan minbarra ħafna sinjali li diġaġew imwaħħla fl-uffiċċju tal-Kunsill.

69.3.26Dawn jinkludu *training course* għal persuna mingħand l-International Safety Training College, rigward *fire fighter warden* u li huwa kors ta' ġurnata u jiġi jiswa €100.00

69.3.27 Il-Kunsill qabel li għandha tattendi s-Sinjorina Pamela Borg għal dan il-kors.

69.3.28 Affarijiet oħra jinkludu li r-railing ta' taraġ jerġa jitwaħħal fil-kitchenette, issir cabinet fil-kitchenette ukoll biex b'hekk ngħattu il-wires, cables u routers kollha *for safetyreasons* u titwaħħal *hazard sign* u jsir *service maintenance checks* ta' l-apparat kollhu ta' l-elettriku li jinkludu t-tlett airconditioners.

69.3.29 Fuq r-railing ta' taraġ is-Sindku ssuġerit li l-fridge tinħareġ mill-kitchenette u titpoġġa fl-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv, dan biex ikun jista jitwaħħal ir-railing tat-taraġ.

69.3.30Il-Kunsill qabel li dawn ix-xogħolijiet għandhom jitwettqu.

69.3.31 Resident jixtieq jagħmel request li fejn hemm l-stop sign fi Triq tal- Mirakli ħdejn il-Madonna minn naħa ta' fejn joħorġu biss, minn wara ta' din is-sign isir one-way sign forsi il-vetturi ma jidħlux aktar wrong side minn fejn l-istatwa tal-Madonna għaliex qiegħed jistenna xi aċċident ikrah.

69.3.32 Il-Kunsilliera ddiskutew din ir-request u approvawh unanimament.

69.3.33 Resident qed jilmenta rigward il-parkeġġ illegali fi Triq Ġużeppi Portelli. Ħafna karozzi qed jipparkjaw fuq id-double yellow line li hemm quddiem id-dar bl-isem 'Ta'

Bakkar' u b'hekk jagħlqu l-aċċess għal passaġġ biex tgħaddi għal Kitchen Garden u qed jinħoloq ħafna traffiku speċjalment filgħodu.

69.3.34 Is-Segretarju nfurmat li kien ġie ikkuntatjat Sandro ta' LESA u ntbgħatu il-wardens biex joħorġu t-tickets, pero il-LESA nfurmat li ma jistax isir aktar enforcement. Dan għaliex Sandro qed jgħid li d-double yellow line huwa qasir wisq u għalxejn jagħtu t-tickets għax jekk in-nies jikkontestawha joħorġu minnha. Huwa qal biex jkun hemm enforcement jrid jitwal il-line sal-bidu ta' djuq tat-triq.

69.3.35 Il-Kunsill filwaqt li approva din ir-request ġie deċiż li s-Segretarju flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia mmorru 'on site' biex jaraw eżatt x'għandu jsir.

69.3.36 Resident li joqgħod Triq il-Kunċizzjoni no.28, għandu garaxx magħwweġ skuntrat u peress li dik one-way u l-karozzi jitilgħu bi speed qawwi jaf ma jarawx l-entratura tal-garaxx tiegħu. Allura qed jitlob biex issir tabella ftit aktar l-isfel tgħid ' Garage exit' dan biex jitnaqqas l-speed u jtuh ċans joħrog mill-garage. ( din it-tabella ssir għal użu personali tiegħu) . Barra minn hekk qal ukoll li kienet twaħħlet tabella bi speed limit ta' 25 ħażin, ġo Triq il-Kunċissjoni sqaq nru.1. Huwa qal li dik suppost twaħħalet fi Triq il-Kunċizzjoni u għalhekk trid tiġi *shifted.*

69.3.37 Din ir-request ġiet diskussa u peress li t-tabella mitluba mir-resident trid titwaħħal mar-residenza tan-nies, il-Kunsill iddeċieda li l-l-ewwel għandna inressqu t-tabella bi speed limit ta' 25 biex naraw jekk il-pole jagħtix fastidju lin-nies u wara jiġi deċiż jekk nipproċedux bit-tabella li qed jagħmel request dan ir-resident.

69.3.38 Jekk il-Kunsill japprova li ssir it-tabella rikjesta, trid tkun ċara mar-resident li din trid titħallas minnu.

69.3.39Resident qiegħed jitlob lill-Kunsill li l-isqaq numru 1 fi Triq il-Forn, kif taqbeż lil tal-laħam, jiġi fin-normal u n-natura tiegħu u konformi mal-liġijiet fejn qiegħed jitlob biex jitneħħew is-sinjali l-bojod mill-art u ssir keep clear jew ma tistax tinżgombra l-isqaq fejn l-isqaq ma jipparkjawx aktar karozzi. Is-Sur Buhagiar xtaq iżied li ser iżomm lill-Kunsill Lokali għal kull forma ta' danni li jistgħu jinqalgħu maż-żmienijiet.

69.3.40 Dan ir-request ġie diskuss mill-Kunsill u ġie suġġerit li iż-żewġ parkings għandhom jibqgħu imma jrid jinħoloq passaġġ fin-nofs.

69.3.41 Residenta tixtieq tagħmel request lill-Kunsill Lokali biex it-tabella rigward il-priority give way fi Triq Annibale Preca fejn il-biotechnology centre isir bil-kontra iġifieri minn ġej minn naħa tal-Mirkali ikollu d-dritta u mhux minn ġej minn naħa ta' St. Joseph Pharmacy. Din ir-residenta qeda titlob dan għaliex kellha 2 każijiet f'ġimgħa li min kien ġej minn Annibale Preca n-naħa tal-Pharmacy baqa' tiela' *gas down* u riedha bilfors tirriversja fejn ma setax titla l-fuq għaliex fil-parti ddejqa m'hemmx fejn tmur. Kif ukoll hi qeda tgħid li minn tiela' minn isfel minn naħa tal-Pharmacy hemm fejn joqgħod fil-ġenb imma minn nieżel minn naħa tal-Mirakli m'għandux fejn joqgħod jistenna ħlief fejn Elyon Place.

69.3.42 Ma kienx hemm x'jiddiskuti l-Kunsill fuq dan is-suġġeriment peress li r-regoli tat-TM huma dawk li huma jiġifieri li give way dejjem minn naħa ta' fuq u mhux minn naħa ta' minn ġej minn isfel.

69.3.43 Il-ħin huwa 6.00p.m. u l-laqgħa ġiet sospiża peress li ġew xi residenti biex iressqu l-ilment li l-Kunsill kien diġa ddiskuta.

69.3.44 Wara li l-Kunsill iddiskuta ma' dawn ir-residenti dwar dan l-ilment ġie deċiż li is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi u l-Kunsill għandhom jitkellemu mar-residenti li qed joħolqu l-ostakli fil-preżenza tal-Pulizija.

69.3.45 Il-ħin issa huwa 6.20p.m., ir-residenti telqu u laqgħa tal-Kunsill kompliet.

69.3.46 Residenta tixtieq titlob lill-Kunsill Lokali biex minn l-aħħar kaxxa tal-parking ħdejn id-dar tagħha no.85 Triq Sir Ugo Mifsud sa dar Sant'Cassia ssir double yellow lines għal dawn ir-raġunijiet. 1. Għaliex dik il-parti ta' triq hija dejqa ħafna. 2. Hija blind corner, 3. Jipparkjaw faċċata u billi 2 way u jipparkjaw both ways qegħdin isiru ħafna *accidents*.

69.3.47 Il-Kunsill ma approvax din ir-request.

69.3.48 Resident qed jagħmel request biex f' triq il-Kbira quddiem Percius Car hire (viċin ta' Dolceria) jsiru double yellow lines fil-kantuniera, dan għaliex meta jipparkjawlu eżatt mal-ġenb, bi karroza twila tat-tieġ tal-għarus ma jdurx sew.

69.3.49 Wara li l-Kunsill iddiskuta din ir-request ġie deċiż li s-Segretarju flimkien ma s-Sinjorina Lorraine Farrugia mmorru 'on site' biex jitkellmu mar-residenti u naraw eżattament x'irid isir.

69.3.50Residenta qed tagħmel suġġeriment biex fi Triq Sir Ugo Mifsud quddiem Parisio Nursery issir slow sign ma' l-art jew sleeping policeman. Dan għaliex din hija triq *two way* u bil-parking fuq naħa minnhom ukoll u barra minn hekk qed jagħddu bi speed qawwi.

69.3.51 Il-Kunsill iddiskuta imma m'approvawx din ir-request.

69.3.52 Residenta li toqgħod 163, Triq Annibale Preca qegħda tagħmel request biex tagħmel pot fuq il-bankina għaliex trid toħrogħa minn mal-ħajt 15cmx20cm u 20cm x30cm.

69.3.53 Il-Kunsill ma setax japprovaw din ir-request għax huwa illegali.

69.3.54Resident qed jagħmel request biex jsiru double yellow lines on the *right hand side* tal-garage tiegħu li għandu fil-housing estate. Dan għaliex il-karozzi qed jipparkjaw viċin ħafna tal-garaxx tiegħu u qed tkun impossibli biex joħroġu jidħol.

69.3.55 Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request u approva li isiru yellow lines mal-ġenb tal-garage.

69.3.56Resident li joqgħod ta' Senna qed jistaqsi fuq parkeġġ perpendicular li kien talab fi sena 2016 fi triq Nazju Cortis għadhom ma sarux.

69.3.57 Wara li ġie indagat, dawn il-parkings ġew approvati u meta marrus-Segretarju flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia biex jimmarkaw, marru post ħażin għax marru Triq Antonio Azzopardi fejn il-gate ta Villa Francia u fejn kien jkun hemm id-dgħajsa.

69.3.58Ġie kkonfermat li r-resident mhux hemm qed jitlob li jsiru imma kif titla mit-telgħa eżatti fi Triq Nazju Cortis. Il-Karozzi diġa jipparkjaw hekk perpendicular, kull ma jrid li jsiru linji uffċċjali.

69.3.59 Fuq dan ir-request, ġie deċiż li s-Segretarju u s-Sinjorina Lorraine Farrugia jerġgħu mmorru 'on site' u jaraw eżatt fejn iridu jiġu dawn il-parking bays.

69.3.60 Resident qed jagħmel request biex fejn il-Housing Estate Sir Ugo Mifsud str jsir double yellow line. Huwa għandu garaxx eżatt fejn il-garaxx tal-water works,il-garaxx tiegħu no 3. Qed jitlob biex id-double yellow line jsir faċċata tal-garaxx tiegħu. Dan għaliex hemm resident partikolari li qed jipparkja apposta quddiem il-garaxx tiegħu u ma jħallilux aċċess biex joħroġ. Dan ir-resident għandu karozza ftit kbira u diffiċli biex jdur u joħroġ u mhux l-ewwel darba li laqgħat il-karozza mal-ħajt.

69.3.61 Dan ir-resident qed jitlob li jsir urġenti double yellow lines mhux għalih biss imma hemm aktar garaxxijiet ħdejn tiegħu. Dan ir-resident ipprova jasal bil-kelma t-tajba imma ma wasalx.

69.3.62 Għal dan ir-request ukoll ġie deċiż li mmoru 'on site' u naraw x'inhis-sitwazzjoni eżatt qabel ma tittieħed deċiżjoni.

69.3.63Il-Kunsilliera s- Sinjorina Lorraine Farrugia tixtieq tressaq request mingħand resident biex quddiem il-bieb tiegħu fi sqaq nru.2 fi Triq Preziosi isir kaxxa safra għaliex il-

karozzi qegħdin jipparkjaw eżatt mal-bieb tiegħu u b'hekk mhux qed ikun possibli għalih jidħol u joħroġ. Dan ir-resident joqgħod fejn il-bieb ta' wara ta' Villa Francia.

69.3.64 Il- Kunsill approva din ir-request u għandha tintbagħat għal l-approvazzjoni tat-TM.

69.3.65 L-owner tal-binja tal-GAP ġie joqgħod f'wieħed mill-appartamenti tal-binja stess u qed jitlob biex id-*disabled parking* li hemm titressaq lura, u minnflokk id-disabled parking jsiru double yellow lines. Dan għaliex kull min għandu garaxx mal-binja jagħti għal ġo Triq Dun Karm Lia, ma jkunx jista joħroġ sew mill-garaxx minħabba l-karozza li jkun hemm ipparkjta fi reserved parking għal persuni b'diżabilta'. Pero jekk jitneħħa l-parking ta' wara titressaq r-reserved parking u flokku jsiru double yellow lines il-problema tiġi solvuta.

69.3.66 Wara li l-Kunsill iddiskuta dan ir-request ġie deċiż biex jiġi ċċekkjat ta' min hu ir-reserved parking u s-Segretarju flimkien mas-Sinjorina LorraineFarrugia mmorru 'on site' qabel ma tittieħed id-deċiżjoni.

69.3.67Residenta li toqgħod fi Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru.1 ilmentat li minkejja l-Kunsill kien weħħel karta biex in-nies jħallu l-mobile numbers u jkunu jistaw jipparkjaw fil-kantuniera, minkejja din is-sign xorta qed jaqilgħaw iċ-ċitazzjoinijiet. Għalhekk hija qed titlob biex dik il-karta tal-Kunsill titlaq għax m'għandiex użu u jekk vera ma tistax tipparkja u wardens xorta ħa jibqgħu jagħtu tickets u għalhekk għandhom isiru double yellow lines mill-ewwel fil-kantuniera ħalli nevitaw kull inkonvenjent bħal dan.

69.3.68 Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u iddeċieda li għandu iwaħħal notice ma'l-arblukif sar fil-kas tar-residenza ta' Dun Ġużepp.

69.3.69 L-Għaqda Daqqa t'id tixtieq tistiden lill-membri tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għal attivita' li ser tiġi organizzata l-Ħadd 14 ta' Jannar 2018 bejn is-1:00p.m. u 8:00p.m. għal tfal bi bżonnijiet speċjali. Kif ukoll l-organizzatur is-sur Charlie Saliba qiegħed jagħmel request lill-Kunsill għal no Parking Signs għal dak in-nhar bejn 11:00a.m. u 8:30p.m. fi Triq il-Kbira. Is-Sur Saliba xtaq iżied li l-President ta' Malta ser tattendi għal din l-attivita' fil-5:00p.m. allura qiegħed jitlob biex il-Kunsill ikollu jkun preżenti għal din l-attivita' għal xi 4:30p.m. u xtaq li t-triq kollha tkun no parking.

69.3.70 Il-Kunsill approva n-'No Parking' signs tul it-triq kollha bejn wieħed u ieħor xi ħames signs.

69.3.71Resident jixtieq iressaq dan ir-request lill-Kunsill Lokali biex jerġa' jsir refreshing ta' l-yellow lines fi Triq Massimiliano Debono quddiem il-garage tiegħu eżatt fl-aħħar ta' triq. Kif ukoll isiru re-freshing tal-white boxes u jiġu rranġati fejn hemm white box li qegħeda nofsha fil-kaxxa safra.

69.3.72 Il-Kunsill approva li isir refreshing tal-white u l-yellow lines.

69.3.73 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet ilment mingħand resident fejn qed tgħid li hemm koppja li ta' kull jum fis 6.30a.m. tinżel minn Triq Annibale Preca sajf u xitwa, għandhom kelb żgħir li jinbaħ u qed idejjaq lir-residenti.

69.3.74 Dan ir-resident qed jitlob biex inġiebu l-green wardens imma l-Kunsill qal li għandhom jiġu konsultati l-Animal Welfare.

69.3.75 Dan ir-resident irid jiġinfurmat dwar dan.

69.3.76 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment li quddiem nr 6 Triq Tal-Mirakli hemm tlett residenti mill-appartamenti ta' faċċata li qed joħorġu l-garbage hemm.

69.3.77 Hija qed tistaqsi lill-Kunsill biex jintbagħtu notices lill-residenti ta' l-appartamenti dwar ir-regolamentita'ġbir ta' skart.

69.3.78 Irid jiġiċċekkjat l-indirizz eżatt ta' dan l-appartament u anke jitwaħħal notice.

69.3.79 Dan għandu jiġi ċċekkjat mis-Segretarju u s-Sinjorina Lorraine Farrugia meta mmorru 'on site'.

69.3.80 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment ieħor fejn fi Triq Depiro Gourgion in-naħa ta' ġewwa qed jarmu ġlud ta' l-annimali u annimali mejta.

69.3.81 Hija qed tisuġġerixxi li forsi l-Kunsill ghandu jipprova jagħmel il-bring-in-sites biex awtomatikament ikollna l-camera.

69.3.82Il-Kunsill qabel dwar dan is-suġġeriment imma l-ewwel għandhom imorru s-Sinjorina Lorraine Farrugia flimkien mas-Segretarju 'on site'  biex jidentifikaw eżatt il-post qabel ma jinbdew il-proċeduri biex jitpoġġew il-bring-in-sites.

69.3.83 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment ieħor li fi żmien il-Milied, fil-Housing Estate bil-kemm kien hemm globu wieħed li jixgħel u peress li kien hemm mill-ħaddiema tal-maintenance bil-leave ma setgħux jissewwew.

69.3.84Hija qed issostni li l-haddiema tal-Kunsill ma għandhomx jieħdu il-leave flimkien speċjalment fi żmien il-Milied.

69.3.85Ġie deċiż mill-Kunsill li minn jiġi bħala replacement flok is-sur Michael Bedingfield, irid jeħodha 'in turns' mal-ħaddiem l-ieħor,  li l-leave ma jitteħidx flimkien u anke bħala ħinijiet tax-xogħol, dawn għandhom jibqgħu sat-3.00p.m.

69.3.86Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment li fil-Housing Estate minn naħa ta' quddiem fejn saru il-fences hemm il-ħaxix li telgħa mhux ħażin.

69.3.87 Hija qed tgħid li għalkemm saru il-fence biex nipprevenu milli ssir dump area, xorta waħda hemmhekk irid jieħu ħsiebu l-Kunsill.

69.3.88Għalhekk ġie deċiż mill-Kunsill li ngħidu lill-kuntrattur biex jirranġa u  jaqta' l-ħaxix hemmhekk.

69.3.89 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet avviż mas-Sur Trevor Zahra  fejn ser issir serata biex jinqara l-malti lil l-adulti.  Huwa qed jistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jieħu sehem.

69.3.90 Il-Kunsill ma hax deċiżjoni fuq dan.

69.3.91 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, staqsiet lill-Kunsill jekk japprovax li nieħdu sehem fil-Clean Up Malta.

69.3.92 Il-Kunsill qabel li nieħdu sehem f'din l-attivita' diment li voluntiera jiġu żgur u li nkunu nafu d-dettalji tagħhom.

69.3.93 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq attivita' li hija għandha ħsieb li tiġi organizzatagħal ħabta tat-18 ta' Settembru 2018.

69.3.94 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat lill-Kunsill li kienet tkellmet ma Francelle fuq kif baqa' l-proġett tar-restawr tat-Torri.

69.3.95 Hija qalet li ġiet infurmata li kien inbidel il-Perit fuq dan u  kellhom backlog ta' xogħol imma issa nbdew jittieħdu xi qisien u affarijiet oħra.

69.3.96 Is-Segretarju nfurmat li l-Kunsill li sa fl-aħħar l-erbgħa bye-laws tal-Kunsill kienu dehru fil-gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa 5 ta' Jannar 2018.

69.3.97 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-patch kbira li hemm fi Triq Annibale Preca trid tissewwa u qalet ukoll li għandna nitkellmu mal-Perit tal-Kunsill biex naraw fejn wasal il-proġett ta' l-isqaqien.

69.3.98 Is-Segretarju reġgħet fakkret lill-Kunsill li bħalissa s-somma mill-UIF Funds tlaħħaq €47,223.23 u din tista tintuża għall-proġetti ta' patching, resurfacing jew xogħolijiet oħra.

## 69.4 MEPA CASES CONSULTATION LIST

69.4.1 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' każijiettal-MEPA fejn il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk joġġezzjonax jew le.
69.4.2Din il-lista kienet diġantbagħtet lill-Kunsilliera b'e-mail qabel il-laqgħa u xi oġġezzjonijiet kienu diġa saru.
69.4.3 Żewġ applikazzjonijiet kienu fuq il-Billboard ta' Naxxar Road u anke fuq il-Billboard ta' Mosta Road.
69.4.4 Il-Kunsill iddeċieda li joġġezzjona għaż-żewġ billboards peress li waħda hija id-daħla ta' Ħal Lija u trid issir il-bandiera ta' Ħal Lija u l-billboard l-oħra ser tkun fi triq li tagħti għal Villa Francia tal-Prim Ministru.
69.4.5 Il-closing date għall-ewwel billboard hija l- 21 ta' Jannar 2018 filwaqt li l-oġġezzjoni għat-tieni billboard hija l-1 ta' Frar 2018.
69.4.6 Fuq l-applikazzjoni tar-Restawr taċ-Ċimiterju ta' l-Abbati, il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax pero għandha nistaqsu lill-Kappillan minn hu l-applikant fuq dan il-proġett.
69.4.7 Fuq l-applikazzjoni tas-sit fi Sqaq ta'Sejduna, is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet kif harget l-PA biex inbena karma la dan hu post ODZ.
69.4.8 Il-Kunill irid jiccekkja ghaliex harget l-applikazzjoni la l-area hija ODZ u r-raba li hemm fejn ser tinbena l-kamra hija zghira tant li soltu ma jinghatawx permessi biex jinbnew kmamar b'dak il-qies.
69.4.9 L-għeluq biex issir oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni hija l-1 ta' Frar 2018.
69.4.10Fuq il-PA 09825/17 Balzan FC fi Triq R.Mifsud Bonnici kantuniera ma' Triq Giuseppe Cali, irid jiġi identifikat eżatt din l-area taħt min taqa'.

## 69.5 LAQGĦA TAL-LOKALITA'

69.5.1 Ġie deċiż mill-Kunsill kollhu li l-laqgħa tal-Lokalita 2018 ssir nhar l-Erbgħa 7 ta' Frar 2018 fis-6.30p.m .wara il-laqgħa tal-Kunsill li ser issir fl-istess ġurnata fil-5.00p.m.

## 69.6 APPROVAZZJONI TA' L-APPRAISAL REPORTS TAL-ĦADDIEMA TAL-KUNSILL

69.6.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-appraisal reports tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill biex il-Kunsill jevalwa u jiddeċiedi fuq l-approvazzjoni tal-performance bonus. Il-full performance bonus ta' (6%) ġew approvati unanimament lis-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin, s-Sinjorina Pamela Borg u s-Sinjura Audrey Pace.
69.6.2 Ġie diskuss ukoll l-appraisal report li ressqet is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tas-Segretajru Eżekuttiv.
Il-Kunsill unanimament approva il-full performance bonus (10%) tas-Segretarju Ezekuttiv.
69.6.3 Dan ta' l-aħħar għandu jitressaq quddiem id-Direttur tal-Gvern Lokali għal l-approvazzjoni tiegħu.

## 69.7 RAPPORTI – APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2018

69.7.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill *draft* tal-budget għas-sena tat-2018 hekk kif ippreparat mill-Accountant tal-Kunsill.
69.7.2 Is-Segretarju tat *briefing* lill-Kunsill fuq il-Budget.

69.7.3 Wara li l-Kunsill iddiskuta dan il-Budget, kull ma għandu jinbidel hija deskrizzjoni mill-Administration and other Expenditure.
69.7.4 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sinjorina Stephanie Cutajar il-budget għas-sena 2018 ġie approvat unanimament.

**69.8UPDATE FUQ IL-FESTIVAL TAĊ-ĊITRU 2018**

69.8.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li l-Festival taċ-Ċitru din is-sena ser isir nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar 2018 mill-10.00a.m. sas 6.00p.m.
69.8.2 Hija qalet li kellmuha tal-Banda San Pio X fejn bħal kull sena dawn jieħdu sehem fil-festival taċ-Ċitru.
69.8.3 Għal din is-sena ser jieħdu sehem il-kor tat-Tabor bil-kanzunetti naplitani pero kienu ser jiċċargjaw ftit iktar.
69.8.4 Il-Kunsill iddeċiedali jekk il-prezz ma jibqax l-istess ma naċċettawx.
69.8.5 Is-Sindku kompliet titkellem fuq min ser jieħu sehem fil-Festival taċ-Ċitru għal din is-sena.
69.8.6 Iridu isiru l-avviżi lit-Tourist Board, avviżi lir-residenti u avviżi li għandhom jitqassmu lil xi nies VIP.
69.8.7 Is-Sindku nfurmat ukoll li ser ikun hemm art exhibition fil-Mitħna akkumpanjata bil-mużika.
69.8.8 Is-Segretarju nfurmat li importanti li inżommu mal-budget li applikajna għalih meta applikajna għall-fondi.

**69.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash**

69.9.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamentigħax-xahar ta' Jannar 2018 flimkien ma' l-skeda tal-Petty Cash.
69.9.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia m'approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.
69.9.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerrisekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamentiu l-petty cash għax xahar ta' Jannarġew approvati unanimament.

**69.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

69.10.1Il-laqgħa ntemmet fis-08:00p.m.uġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Frar 2018,fil-5.00pm.
69.10.2Ġie deċiż ukoll żewġ dati oħra għall-laqghat tal-Kunsill:
13 ta' Marzu 2018 fil-5.00p.m.
11 ta' April 2018 fil-5.00p.m.

**IFFIRMATA**
Magda Magri Naudi

**IFFIRMATA**
Georgette Borg